# Wara l-Laqgħa ta' Dun Abbondju mal-Bravi

*Ta'* Dun Pawl

JAHSBU issa l-ħamsa u għoxrin qarrejja tiegħi kif kellu jolqtu 'l-imsejken (*Dun Abbondju*) dak li ntqal. Il-waħx ta' dawk l-uċuħ koroħ u ta' dak il-kliem mill-agħar, it-tehdida ta' setgħan magħruf b'wieħed li ma jheddidx ta' xejn, sura ta' ħajja hiemda, li kienet swietlu daqshekk snin ta' taħbil il-moħħ u sabar, imgerfxa f'daqqa waħda u twegħira li minnha ma kontx tara kif toħroġ: dawn il-ħsebijiet kollha kienu qegħdin iżanżnu b'ħeffa ġo xulxin f'ras Dun Abbondju.

Malli wasal ħdejn il-bieb tad-dar tiegħu, li kienet f'tarf ir-raħal, daħħal bil-għaġla fit-toqba l-muftieħ, li kien qed iżomm minn qabel f'idu; fetaħ, daħal, raġa' għalaq sewwa; u, fuq ix-xwiek li jsib ruħu ma' xi ħadd li ma keilux biża' fih, sejjaħ minnufih: "Perpetwa, Perpetwa!" jimxi lejn il-għorfa, fejn din kellha tkun żgur biex thejji l-mejda għal fil-għaxija. Kienet Perpetwa, kif jintebaħ kulħadd, il-qaddejja ta' Dun Abbondju: qaddejja tħobb u ma tonqosx, li kienet taf toqgħod jew tamar, kif kien jaħbat, tagħder fil-waqt it-treddin u t-therwil ta' sidha u ġġagħlu fil-waqt jagħder tagħha, li kienu minn jum għal ieħor qegħdin jiżdiedu, mindu kienet għaddiet iż-żmien *sinodali* tal-erbgħin, u baqgħet xebba, għax kienet ċaħdet il-ħotbiet kollha li kienu ressqulha, kif kienet tgħid hi, jew għax ma kienet qatt sabet kelb li jridha, kif kienu jgħidu l-ħbieb tagħha.

"Ġejja", wieġbet, tqiegħed fuq il-mejda żgħira, fejn dari, il-flixkun ta' l-inbid li kien l-aktar għal qalb Dun Abbondju, u telqet qajla qajla; imma kienet għadha ma rifsetx il-għatba tal-għorfa, li hu ma kienx daħal fiha, b'mixja hekk imxekkla, b'ħarsa hekk imbażżgħa, b'wiċċ hekk imbergħen, li ma kinux jinħtieġu l-għajnejn imħarrġa ta' Perpetwa biex tikxef ma' l-ewwel ħarsa li kien ġralu xi ħaġa tabilħaqq barranija.

"Il-ħniena! X'għandek, sinjur?"

"Xejn, xejn", wieġeb Dun Abbondju, jinxteħet fil-ħin, jonfoħ kemm jiflaħ, fuq il-pultruna tiegħu.

"Kif xejn? Trid tbellagħha lili? Imkerrah hekk kif int? Xi ħaġa kbira ġrat."

"Oh, f'ġieh is-sema! Meta ngħid xejn, jew hu xejn, jew xi ħaġa li ma nistax ingħid."

"Li ma tistax tgħid anqas lili? Min jieħu ħsieb saħħtek? Min jagħtik xi parir?"

"Ajma! Iskot, u la thejji xejn aktar; agħtini tazza mill-inbid tiegħi."

"U int trid tibqa' żżomm miegħi li m'għandek xejn!" qalet Perpetwa, timla fil-ħin it-tazza u tgħażżiżha b'idha, bħalkieku ma tridx tagħtihielu ħlief bi ħlas ta' l-istqarrija li kienet mistennija.

"Ġib 'l hawn, ġib 'l hawn", qal Dun Abbondju, jaħtfilha t-tazza.

"Trid mela li jien inkun imġiegħla nistaqsi 'l hawn u 'l hemm xi ġralu s-sinjur tiegħi?" qalet Perpetwa, wieqfa quddiemu, b'idejha maqlubin fuq ġenbejha u minkbejha mixħutin 'il quddiem, tħares fil-ħin ċass lejh, qisha trid tixrobLu minn għajnejh dak li kien qed jaħbilha.

"F'ġieh is-sema! la titkessaħx, la tagħmilx għaġeb: hemm fin-nofs, hemm fin-nofs il-ħajja!"

"Il-ħajja?"

"Il-ħajja".

"Inti taf tajjeb li, kull darba li għidtli xi ħaġa bla ħabi, bejnietna, jien qatt ma..

"Offi għalik! bħal meta...

Perpetwa ntebħet li kienet qabdet triq ħażina, għalhekk biddlet malajr. "sinjur", qalet b'leħen imqanqal u li jqanqal "jiena kont dejjem miġbuda lejk; u, iekk issa rrid naf, hu għall-ħrara għax kont kieku rrid ingħinek, nagħtik xi parir tajjeb, inserrħek..."

Il-biċċa hi, li Dun Abbondju kellu aktarx daqshekk ħajra li ifarfar mis-sigriet tiegħu tal-kedda, daqs kemm kellha Perpetwa li tkun tafu; għalhekk, wara li kien laqa', jerħi dejjem aktar, għas-salti ġodda u dejjem aktar irossu tagħha, wara li aktar minn darba ġagħalha taħliflu li ma titniffesx, fl-aħħar, b'ħafna tlaqliq, mhux għajr jieqaf, b'ħafna msejken jien, tgħarrfilha bil-biċċa ta' min jitħassarha. Meta ġie għall-isem tal-biża' ta' dak li bagħat (lill-bravi), kien meħtieġ li Perpetwa tagħmillu ħelfa ġdida u aqwa; u Dun Abbondju, kif lissen dak l-isem inxteħet fuq dahar is-siġġu, jieħu nifs qawwi, igħolli idejh, bħal

wieħed li f'waqt wieħed qed jamar u jitlob bil-ħniena, u jgħid: "F'ġieħ is-sema!"

"Bċejjeċ minn tiegħu!" għajtet Perpetwa. "Oh x'raġel ħażin! Oh kif irid jirkeb lil kulħadd! Oh xi bniedem mingħajr biża' t'Alla!"

"Trid tiskot? Jew trid tkun il-ħsara tiegħi għal kollox?"

"Oh! aħna hawn weħidna li ħadd ma jismagħna. Imma kif ser tagħmel, ja msejken sidi?"

"Eh, ara", qal Dun Abbondju b'leħen imbaqbaq, "ara x'pariri sbieħ taf tagħtini din! Tiġi tistaqsini kif ser tagħmel, kif ser nagħmel; qisha li kienet hi fit-taħwida, u kien imiss lili li noħroġha minnha".

"Imma! Jiena kieku kelli l-parir tiegħi dgħajjef x'nagħtik; imma mbagħad......"

"Imma mbagħad, nisimgħu".

"Il-parir tiegħi kien li, billi kulħadd igħid li l-arċisqof tagħna hu raġel qaddis, u bniedem li jżomm iebes, u li ma għandu biża' minn ħadd, u li meta jista' jgagħal joqgħod b'għaqlu lil xi wieħed minn dawk li jidhrilhom li jistgħu għal kulħadd biex jieqaf ma' xi kappillan, jogħxa; jiena kont ingħid, u ngħid li int tiktiblu ittra sabiħa, biex tgħarrfu kif......"

"Trid tiskot? Trid tiskot? Dawn huma pariri ta' min jagħtihom lil bniedem imsejken? Meta jkun messni tir f'dahri, Alla jħares! ikun l-arċisqof li jneħħihuli?"

"Eh! it-tiri ma jintefgħux bħal kosbor; u ħażin li kieku dawn il-klieb kellhom jigdmu kull darba li jinbħu! U jien dejjem rajt li lil min jaf juri snienu, u jġagħal min jġiblu qima, jagħtuh qima: u fuqhekk sewsew għaliex int ma trid qatt tħaqqaqha ma' ħadd, wasalna sa hawn li kulħadd ġej, aħfirli, biex..."

"Trid tiskot?"

"Jiena niskot dalwaqt; imma b'dan kollu ma jmerih ħadd li, meta d-dinja tintebaħ li wieħed, dejjem, f'kull għawġ li jiltaqa' miegħu, hu mhejji biex iniżżel il......"

"Trid tiskot? Hu issa l-ħin li tgħid dawn il-ħmerijiet?"

"Bizzejjed: taħsibha dal-lejl; imma issa la tibdiex minnek tagħmel ħsara lilek innifsek, tħassar saħħtek; kul dal-bukkun."

"Naħseb jien", wieġeb igorr, Dun Abbondju, "bans; jien naħseb, jien għandi naħseb". U qam, itenni jgħid: "Ma rrid

nieħu xejn, xejn: ħajra oħra għandi; nafu jien ukoll li jmiss lili naħseb. Imma! kellha tiġri sewsew lili."

"Itfa' għallanqas 'l isfel dil-qatra oħra", qalet Perpetwa, tfarra'. "Int taf li dan iqegħedlek dejjem l-istonku."

"Eh! għalhekk trid ieħor, trid ieħor, trid ieħor!"

U jgħid hekk, qabad id-dawl, u igorr dejjem: "Ħaġa ta' xejn! lil raġel bħali! u kif tmur għada?" u tgemgim ieħor jix-xiebah, irħielha biex jitla' fl-għorfa. Kif wasal fuq l-għatba, dar lura lejn Perpetwa, qiegħed sebgħu fuq ħalqu, u jitkellem bil-lajma u jagħmel saħħa fuq kliemu, qal: "F'ġieh is-sema!" u għab.